DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

26 ta' Frar 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Risposta li tkun tista' kjarament tiġi dedotta mill-ġurisprudenza jew li ma tagħti lok għall-ebda dubju raġonevoli – Konvenzjoni li timplimenta l-ftehim ta' Schengen – Artikolu 54 – Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' *ne bis in idem* – Kamp ta' applikazzjoni – Sentenza li tordna l-internament ta' persuna f'istituzzjoni għal trasgressuri morda mentalment – Sospensjoni suġġetta għal trattament mediku segwit minn din il-persuna"

Fil-Kawża C-766/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Protodikeio Peiraios (Trimeles Plimmeleiodikeio Peiraios) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Piraeus (il-Qorti Kriminali tal-Ewwel Istanza ta' Piraeus), il-Greċja), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Frar 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Novembru 2024, fil-proċedura kriminali kontra

AB,

fil-preżenza ta':

Eisaggelia Protodikon Peiraia,

CD,

EF,

GH,

IJ,

KL,

komposta minn S. Rodin, President ta' Awla, C. Lycourgos (Relatur), President tat-Tielet Awla, u O. Spineanu-Matei, Imħallef,

Avukat Ġenerali: A. Biondi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat, konformement mal-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fid-dritt tal-Unjoni.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali li nbdew kontra AB dwar inċendju intenzjonali.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9), iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 u li daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 1995 (iktar 'il quddiem il-"KIFS"), jipprovdi:

"Persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza."

Il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

4 Fil-15 ta' Diċembru 2018, AB, residenti fi Vjenna (l-Awstrija), tat in-nar intenzjonalment lil dgħajsa fil-marina ta' Glyfada (il-Greċja). L-inċendju qered din id-dgħajsa u kkawża ħsara lil tnejn oħra.

5 Inbdew proċeduri kriminali fir-rigward ta' dawn il-fatti kontra AB kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Awstrija.

6 Wara li eżaminat il-kawża fuq il-mertu, fit-18 ta' Frar 2020, il-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt, l-Awstrija) tat sentenza (iktar 'il quddiem is-"sentenza tat-18 ta' Frar 2020") li fiha kkonstatat li AB kienet wettqet il-fatti li kienet akkużata bihom u li, kieku l-akkużata ma ġietx meqjusa li ma kinitx kriminalment responsabbli, dawn il-fatti kienu jikkostitwixxu r-reat ta' inċendju, stabbilit fl-Artikolu 169(1) tal-Kodiċi Kriminali Awstrijak u ssanzjonat b'piena ta' priġunerija ta' iktar minn sena. Madankollu, din il-qorti kkonstatat li l-akkużata ma kinitx kriminalment responsabbli, peress li din kienet aġixxiet taħt l-effett ta' psikożi akuta fil-kuntest ta' skizzofrenija.

7 L-imsemmija qorti kkonstatat ukoll li, minħabba l-istat psikiku tagħha, AB setgħet twettaq reati kriminali oħra. Għaldaqstant, din ordnat l-internament tagħha f'istituzzjoni għal trasgressuri morda mentalment.

8 Madankollu, l-istess qorti ssuġġettat din il-miżura ta' internament għal sospensjoni kundizzjonali, b'perijodu ta' prova ta' ħames snin. Il-kundizzjonijiet ta' din is-sospensjoni jikkonsistu fl-obbligu, għal AB, minn naħa, li ssegwi trattament farmaċewtiku li għandu jkun suġġett għal kontrolli regolari, tal-inqas darba fix-xahar, kif ukoll trattament psikoterapewtiku kontinwu u, min-naħa l-oħra, li tissuġġetta ruħha għal kura psikjatrika mogħtija kull erba' ġimgħat f'ċentru ta' psikjatrija medika-legali. AB osservat dawn il-kundizzjonijiet mill-inqas sas-6 ta' Diċembru 2022.

9 Wara li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Awstrijak u AB irrinunzjaw milli jeżerċitaw ir-rimedji ġudizzjarji għad-dispożizzjoni tagħhom, is-sentenza tat-18 ta' Frar 2020 saret definittiva.

10 Quddiem il-Protodikeio Peiraios (Trimeles Plimmeleiodikeio Peiraios) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Piraeus (il-Qorti Kriminali tal-Ewwel Istanza ta' Piraeus), il-Greċja), li hija l-qorti tar-rinviju, AB titlob, permezz tal-avukat tagħha, li jintemmu l-proċeduri kriminali mibdija kontriha fil-Greċja. Prinċipalment, hija tqajjem l-eċċezzjoni ta' *res judicata*. Fil-fatt, is-sentenza tat-18 ta' Frar 2020, dwar l-istess fatti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi sentenza ta' kundanna li għaliha huma applikabbli l-Artikolu 54 tal-KIFS u l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Sussidjarjament, l-akkużata ssostni li hija kriminalment irresponsabbli għall-fatti li hija akkużata bihom.

11 Il-Prosekuturiċi, sostnuta mill-partijiet ċivili, jiġifieri l-proprjetarji tad-dgħajjes ikkonċernati, issostni li din is-sentenza ma tinkludix kundanna, peress li l-Landesgericht Wiener Neustadt (il-Qorti Reġjonali ta' Wiener Neustadt, l-Awstrija) iddeċidiet li AB kienet imċaħħda minn dixxerniment fil-mument tal-fatti u ordnat, konsegwentement, miżura terapewtika.

12 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, barra minn hekk, l-imsemmija sentenza tissuġġetta din il-miżura għal sospensjoni kundizzjonali. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, din il-qorti tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, kif stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta.

13 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Protodikeio Peiraios (Trimeles Plimmeleiodikeio Peiraios) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Piraeus (il-Qorti Kriminali tal-Ewwel Istanza ta' Piraeus)) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplika wkoll għal sentenza definittiva jew irrevokabbli ta' qorti kriminali ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni, wara proċeduri kriminali għall-istess fatti, li fiha din il-qorti, wara li tkun eżaminat il-fatti tal-każ u peress li tikkonstata li l-akkużat huwa kriminalment irresponsabbli, ċertament tammetti li huwa wettaq l-att li huwa akkużat bih, iżda timponilu miżura terapewtika – jiġifieri l-internament f'istituzzjoni għal trasgressuri morda mentalment – li jimplika ċaħda tal-libertà tal-akkużat kontra r-rieda tiegħu? Fi kliem ieħor, il-miżura terapewtika imposta tikkostitwixxi 'penali' u d-deċiżjoni titqies, f'każ bħal dan, bħala 'sentenza [kundanna]'?

2) Ir-risposta għad-domanda preċedenti tkun differenti jekk id-deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq tissuġġetta l-miżura terapewtika imposta b'sospensjoni taħt ċerti kundizzjonijiet li l-akkużat josserva?"

Fuq id-domandi preliminari

14 Skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta r-risposta għal domanda preliminari tkun tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza, jew meta r-risposta għal tali domanda ma tħalli spazju għal ebda dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

15 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata f'din il-kawża.

16 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi t-tilwima li jkollha quddiemha. Minn din il-perspettiva, jekk ikun il-każ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tirriformula d-domandi magħmulin lilha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fid-domanda tagħha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi ta' interpretazzjoni kollha li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, kemm jekk hija rreferiet għalihom jew le meta għamlet id-domanda tagħha. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti ta' liġi tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Confédération paysanne (Bettieħ u tadam tas-Saħara tal-Punent), C-399/22, EU:C:2024:839, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

17 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li AB ġiet iġġudikata b'mod finali fl-Awstrija, Stat Membru li għalih hija applikabbli l-KIFS. Din il-persuna hija mixlija, fir-rigward tal-istess fatti, minn Stat Membru ieħor li għalih tapplika l-KIFS. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 54 tal-KIFS, li jipprovdi li "[p]ersuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza".

18 Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li dan l-Artikolu 54 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 50 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2023, INTER CONSULTING, C-726/21, EU:C:2023:764, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 54 tal-KIFS, moqri fid-dawl tal-Artikolu 50 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jibda proċeduri kriminali kontra persuna ssuspettata li wettqet reat, meta qorti ta' Stat Membru ieħor li, permezz ta' sentenza li saret definittiva, tkun ikkonstatat li din il-persuna wettqet l-istess fatti bħal dawk li taw lok għal dawn il-proċeduri, u li tkun iddikjarat li l-imsemmija persuna ma hijiex kriminalment responsabbli minħabba problemi psikjatriċi u tkun ordnat id-detenzjoni tagħha f'istituzzjoni għal trasgressuri morda mentalment, meta din il-miżura ta' internament tkun ġiet suġġetta għal sospensjoni kundizzjonali, b'perijodu ta' prova ta' ħames snin, li l-kundizzjonijiet tagħha, jiġifieri li l-persuna ssegwi trattament mediku, ikunu ġew osservati.

20 Fl-ewwel lok, mill-Artikolu 54 tal-KIFS jirriżulta li dan l-artikolu japplika mhux biss għall-każ fejn persuna tkun ġiet ikkundannata, iżda, b'mod iktar ġenerali, għal kull sitwazzjoni fejn il-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali.

21 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 54 tal-KIFS għandu l-għan li jiggarantixxi lil persuna, li tkun ġiet ikkundannata u tkun skontat il-piena tagħha, jew, jekk ikun il-każ, li tkun ġiet illiberata b'mod finali fi Stat Membru, tkun tista' tiċċaqlaq ġewwa ż-żona Schengen mingħajr biża' li jitressqu proċeduri kriminali kontriha, fir-rigward tal-istess fatti, fi Stat Membru ieħor (sentenza tal-14 ta' Settembru 2023, Volkswagen Group Italia u Volkswagen Aktiengesellschaft, C-27/22, EU:C:2023:663, punt 81 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

22 Bl-istess mod, skont l-Artikolu 50 tal-Karta, l-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.

23 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* hija suġġetta għal kundizzjoni doppja, jiġifieri, minn naħa, li jkun hemm deċiżjoni definittiva preċedenti (il-kundizzjoni "*bis*") u, min-naħa l-oħra, li d-deċiżjoni preċedenti u l-proċeduri jew id-deċiżjonijiet sussegwenti jikkonċernaw l-istess fatti (il-kundizzjoni "*idem*") (sentenza tal-25 ta' Jannar 2024, Parchetul de pe lângă Curtea de Apel Craiova, C-58/22, EU:C:2024:70, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Minn naħa, il-kundizzjoni "*idem*" hija ssodisfatta f'dan il-każ, peress li l-qorti tar-rinviju kkonstatat li l-fatti li kienu s-suġġett tas-sentenza tat-18 ta' Frar 2020 u dawk li huma s-suġġett tal-proċeduri fil-kawża prinċipali huma l-istess.

25 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kundizzjoni "*bis*", sabiex deċiżjoni tkun tista' titqies li ddeċidiet b'mod definittiv dwar il-fatti suġġetti għat-tieni proċedura, huwa neċessarju li din id-deċiżjoni tkun saret definittiva u li tkun ingħatat wara evalwazzjoni dwar il-mertu tal-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2016, Kossowski, C-486/14, EU:C:2016:483, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-14 ta' Settembru 2023, Volkswagen Group Italia u Volkswagen Aktiengesellschaft, C-27/22, EU:C:2023:663, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża. Fil-fatt, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li AB kienet is-suġġett, fl-Awstrija, ta' proċeduri kriminali li taw lok għas-sentenza tat-18 ta' Frar 2020, li saret definittiva. Il-qorti tar-rinviju tindika li din is-sentenza ngħatat wara eżami tal-mertu tal-kawża u tinkludi, minn naħa, il-konstatazzjoni li l-akkużata wettqet fatti li, kieku hija ma ġietx meqjusa bħala kriminalment mhux responsabbli, kienu jikkostitwixxu r-reat ta' inċendju u, min-naħa l-oħra, evalwazzjoni tar-responsabbiltà kriminali ta' din il-persuna akkużata.

27 Fit-tieni lok, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, ma hemmx lok li jiġi ddeterminat jekk sentenza li tordna l-internament ta' persuna f'istituzzjoni għal trasgressuri morda mentalment, suġġetta għal sospensjoni kundizzjonali, tikkostitwixxix "kundanna" flimkien ma' "sanzjoni", fis-sens tal-Artikolu 54 tal-KIFS.

28 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li dan l-artikolu ma jipprevedix il-kundizzjoni li l-"penali" tkun ġiet infurzata jew tkun fil-proċess li tiġi infurzata, jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iktar skont il-liġijiet tal-Istat kontraenti ta' oriġini (iktar 'il quddiem il-"kundizzjoni għall-eżekuzzjoni") ħlief fil-każ ta' kundanna. Ir-referenza għal "penali" ma' tistax għalhekk tiġi

interpretata fis-sens li tissuġġetta l-applikabbiltà tal-artikolu msemmi, lil hinn mill-ipoteżi ta' kundanna, għal kundizzjoni addizzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2016, Kossowski, C-486/14, EU:C:2016:483, punti 40 u 41).

29 Issa, f'dan il-każ, huwa ċar li, għalkemm is-sentenza tat-18 ta' Frar 2020 tinkludi, fir-rigward ta' AB, "sentenza [kundanna]" flimkien ma' "penali", fis-sens tal-Artikolu 54 tal-KIFS, il-kundizzjoni ta' infurzar hija ssodisfatta. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li piena sospiża tikkostitwixxi "penali", fis-sens ta' dan l-Artikolu 54. Tali penali għandha titqies bħala "fil-proċess li tiġi infurzata" malli l-kundanna tkun saret eżegwibbli u matul il-perijodu ta' probation. Sussegwentement, ladarba jintemm il-perijodu ta' probation, il-penali għandha titqies li "tkun ġiet infurzata" fis-sens tal-imsemmi artikolu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Kretzinger, C-288/05, EU:C:2007:441, punt 42).

30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont dak li ġie indikat mill-qorti tar-rinviju, il-kundizzjonijiet tas-sospensjoni kundizzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri li l-persuna mixlija ssegwi trattament mediku, ġew osservati tal-inqas sas-6 ta' Diċembru 2022. Barra minn hekk, mit-talba għal deċiżjoni preliminari ma jirriżultax li AB kisret dawn il-kundizzjonijiet sussegwentement, jew li hija ma ġietx internata fi stabbiliment għal trasgressuri morda mentalment wara tali ksur.

31 Għaldaqstant, anki jekk jitqies li s-sentenza tat-18 ta' Frar 2020 tinkludi "sentenza [kundanna]" flimkien ma' "penali", fis-sens tal-Artikolu 54 tal-KIFS, tali "penali" tkun "infurzata", fis-sens ta' dan l-artikolu, fil-każ li l-perijodu ta' probation ikun intemm mingħajr ma jkunu nkisru l-kundizzjonijiet tas-sospensjoni kundizzjonali, jew tkun "fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata", fis-sens tal-imsemmi artikolu, fil-każ li AB tkun ġiet internata f'istituzzjoni għal trasgressuri morda mentalment wara tali ksur.

32 Sabiex tingħata risposta kompleta lill-qorti tar-rinviju, għandu jingħad ukoll li limitazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta, tista' tiġi ġġustifikata abbażi tal-Artikolu 52(1) tagħha (sentenza tal-14 ta' Settembru 2023, Volkswagen Group Italia u Volkswagen Aktiengesellschaft, C-27/22, EU:C:2023:663, punt 87 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

33 Madankollu, kif indikat fil-punt 17 ta' dan id-digriet, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 54 tal-KIFS. Issa, dan l-artikolu ma jipprevedix limitazzjonijiet għall-prinċipju ta' *ne bis in idem* minbarra l-kundizzjoni ta' eżekuzzjoni, prevista fil-każ ta' kundanna, li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala kompatibbli mal-Artikolu 50 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2014, Spasic, C-129/14 PPU, EU:C:2014:586, punti 55 u 74). Għaldaqstant, l-Artikolu 52 tal-Karta ma huwiex rilevanti f'dan il-każ.

34 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 54 tal-KIFS, moqri fid-dawl tal-Artikolu 50 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jibda proċeduri kriminali kontra persuna ssuspettata li wettqet reat, meta qorti ta' Stat Membru ieħor, permezz ta' sentenza li saret definittiva, tkun ikkonstatat li din il-persuna wettqet l-istess fatti bħal dawk li taw lok għal dawn il-proċeduri, tkun iddikjarat li l-imsemmija persuna ma hijiex kriminalment responsabbli minħabba problemi psikjatriċi u tkun ordnat l-internament tagħha f'istituzzjoni għal trasgressuri morda mentalment,

liema miżura ta' internament kienet suġġetta għal sospensjoni kundizzjonali, b'perijodu ta' probation ta' ħames snin, li l-kundizzjonijiet tagħha, jiġifieri li din il-persuna ssegwi trattament mediku, ikunu ġew osservati.

Fuq l-ispejjeż

35 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 u li daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 1995, moqri fid-dawl tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi li Stat Membru jibda proċeduri kriminali kontra persuna ssuspettata li wettqet reat, meta qorti ta' Stat Membru ieħor, permezz ta' sentenza li saret definittiva, tkun ikkonstatat li din il-persuna wettqet l-istess fatti bħal dawk li taw lok għal dawn il-proċeduri, tkun iddikjarat li l-imsemmija persuna ma hijiex kriminalment responsabbli minħabba problemi psikjatriċi u tkun ordnat l-internament tagħha f'istituzzjoni għal trasgressuri morda mentalment, liema miżura ta' internament kienet suġġetta għal sospensjoni kundizzjonali, b'perijodu ta' probation ta' ħames snin, li l-kundizzjonijiet tagħha, jiġifieri li din il-persuna ssegwi trattament mediku, ikunu ġew osservati.

Firem